

- 2) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun li l-protezzjoni tal-konsumatur taħt id-Direttiva 93/13 ma tapplikax għal kull konsumatur iżda biss għall-konsumatur medju li jitqies li huwa informat b'mod normali u li huwa attentiv u avżat b'mod raġonevoli, konsumatur li qabel il-konklużjoni tiegħu ma qarax il-kuntratt ta' kreditu għal self ipotekarju indiċjat f'valuta barranija u li jammonta għal 150 000 złoty Pollakka (PLN) konkluż għal 30 sena jista' jitqies li huwa informat b'mod normali u li huwa attentiv u avżat b'mod raġonevoli? Dan il-konsumatur jista' jingħata protezzjoni taħt id-Direttiva 93/13?
- 3) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun li l-protezzjoni tal-konsumatur taħt id-Direttiva 93/13 ma tapplikax għal kull konsumatur iżda biss għall-konsumatur medju li jitqies li huwa informat b'mod normali u li huwa attentiv u avżat b'mod raġonevoli, konsumatur li effettivament qara l-abbozz tal-kuntratt ta' kreditu għal self ipotekarju indiċjat f'valuta barranija konkluż għal 30 sena u li jammonta għal PLN 150 000 iżda li ma fehmux kompletament, u minkejja dan ma pprova jifhem it-tifsira tiegħu qabel ma kkonkludieh, u li fuq kollox ma talabx lill-parti l-oħra fil-kuntratt, il-bank, sabiex jispjega t-tifsira tiegħu, it-tifsira tad-dispożizzjonijiet individwali, jista' jitqies li huwa informat b'mod normali u li huwa attentiv u avżat b'mod raġonevoli? Dan il-konsumatur jista' jingħata protezzjoni taħt id-Direttiva 93/13?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

Appell ippreżentat fit-12 ta' Mejju 2020 minn Claudio Necci mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) fil-25 ta' Marzu 2020 fil-Kawża T-129/19, Necci vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-202/20 P)

(2020/C 304/07)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Claudio Necci (rappreżentanti: S. Orlandi, T. Martin, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla d-digriet mogħti fil-25 ta' Marzu 2020 mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fil-kawża Necci vs Il-Kummissjoni, T-129/19;
- tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex hija tiddeċiedi mill-ġdid fuq l-imsemmija kawża;
- tirriżerva l-ispejjeż.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellant jitlob l-annullament tad-digriet mogħti fil-25 ta' Mejju 2020 fil-Kawża T-129/19, li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ħadhet ir-rikors tiegħu għal annullament bħala inammissibbli u kkundannatu għall-ispejjeż.

L-appellant iqajjem, insostenn ta' dan, tliet aggravji:

L-ewwel aggravju bbażat fuq żnaturament tas-suġġett tat-tilwima sa fejn il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea qieset li d-deċiżjoni tat-18 ta' Lulju 2011 kienet tippreġudika lill-appellant.

It-tieni aggravju bbażat fuq ksur tad-dritt tiegħu għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva peress li, jekk ir-rikors tiegħu huwa inammissibbli, l-appellant ma jkollu l-ebda rimedju sabiex jikkontesta l-fatt li huwa ma għadux jibbenefika minn kopertura soċjali, minkejja l-fatt li huwa ħadem ħajtu kollha.

It-tielet aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' uniċità ta' leġiżlazzjoni applikabbli peress li l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li t-telf ta' kull kopertura soċjali fl-Italja wara t-trasferiment "jirriżulta mir-regoli legali tad-dritt nazzjonali inkwistjoni u huwa bla rilevanza għas-sitwazzjoni tiegħu fir-rigward tal-JSIS".

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy dla Warszawy-Woli w Warszawie (il-Polonja) fit-12 ta' Mejju 2020 – M.P., B.P. vs "A." li qed teżerċita negozju permezz ta' "A." S.A.

(Kawża C-212/20)

(2020/C 304/08)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Rejonowy dla Warszawy-Woli w Warszawie

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: M.P., B.P.

Konvenuta: "A." li qed teżerċita negozju permezz ta' "A." S.A.

Domandi preliminari

- 1) Fid-dawl tal-Artikolu 3(1), tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur ⁽¹⁾ kif ukoll il-premessi tagħha, li jipprevedu obbligu li l-kuntratti jiġu redatti f'lingwaġġ ċar u li jinftiehem kif ukoll il-ħtieġa li d-dubji jiġu interpretati b'mod li jkun favorevoli għall-konsumatur, klawżola kuntrattwali li tispeċifika r-rata ta' xiri u ta' bejgħ ta' valuta barranija f'kuntratt ta' kreditu indiċjat f'valuta barranija għandha tiġi redatta b'mod mhux ambigwu, jiġifieri b'mod li l-persuna li qed tissellef / il-konsumatur ikun jista' b'mod indipendenti jiddetermina din il-valuta f'jum speċifiku, jew inkella, fid-dawl tat-tip ta' kuntratt imsemmi fl-Artikolu 4(1) tal-imsemmija direttiva, in-natura fit-tul (numru ta' għexur ta' snin) tal-kuntratt kif ukoll il-fatt li l-ammont tal-valuta barranija jinbidel konstantement (il-ħin kollu), huwa possibbli li d-dispożizzjonijiet tal-kuntratt jiġu redatti b'mod iktar ġenerali, b'mod partikolari billi jsir riferiment għall-valur fis-suq tal-valuta barranija sabiex ma jkunx hemm żbilanċ sinjifikanti bejn il-partijiet f'termini ta' drittijiet u obbligi tal-partijiet għad-detriment tal-konsumatur fis-sens tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva?
- 2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, fid-dawl tal-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13 tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur kif ukoll il-premessi tagħha, huwa possibbli li d-dispożizzjonijiet tal-kuntratt dwar id-determinazzjoni tar-rata ta' bejgħ u ta' xiri ta' valuta barranija jiġu interpretati mill-parti li ssellef (il-bank) fis-sens li dubji dwar il-kuntratt jiġu riżolti b'mod li jkun favorevoli għall-konsumatur u li jiġi aċċettat li l-kuntratt jispeċifika r-rata ta' xiri u ta' bejgħ ta' valuta barranija, mhux b'mod arbitrarju iżda skont suq liberu speċjalment fejn iż-żewġ partijiet jifhmu bl-istess mod il-klawżoli kuntrattwali li jispeċifikaw r-rata ta' xiri u ta' bejgħ ta' valuta barranija jew fejn il-persuna li tissellef / il-konsumatur ma kienx interessat fid-dispożizzjoni kuntrattwali mqiegħda inkwistjoni meta ġie konkluż u eżegwit il-kuntratt, inkluż in-nuqqas ta' għarfien tal-kontenut tal-kuntratt meta dan ġie konkluż u matul id-dewmien kollu tiegħu?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.